PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10841 — FIRMENICH INTERNATIONAL / KONINKLIJKE DSM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 30/11)

1. Fit-18 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Firmenich International SA ("Firmenich", l-Iżvizzera),

— Koninklijke DSM N.V. ("DSM", in-Netherlands).

Firmenich se tidħol f'amalgamazzjoni sħiħa ma' DSM fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Firmenich tispeċjalizza fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-fwejjaħ, it-togħmiet, is-sustanzi kimiċi tal-aroma, ir-reżina tal-arżnu, iż-żejt tat-turpentina tal-arżnu u t-terpene tal-arżnu,

— DSM hija attiva prinċipalment fil-produzzjoni ta' kimiċi tal-aroma, togħmiet, ingredjenti ħelwin, enżimi, karotenojdi, vitamini, u kulturi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.10841 — FIRMENICH INTERNATIONAL / KONINKLIJKE DSM

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË